DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/97

tal-4 ta' Lulju 2016

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.40168 — 2015/C (ex SA.33584 — 2013/C (ex 2011/NN)) implimentata min-Netherlands favur il-klabb tal-futbol professjonali Willem II f'Tilburg

(notifikata bid-dokument C(2016) 4061)

(Il-verżjoni Netherlandiża biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fl-2010, il-Kummissjoni ġiet infurmata minn ċittadin li n-Netherlands implimentat miżura ta' għajnuna favur il-klabb tal-futbol professjonali Willem II f'Tilburg. Dan l-ilment ġie rreġistrat taħt in-numru SA.31122. Fl-2010 u l-2011, il-Kummissjoni rċeviet ukoll ilmenti dwar miżuri favur klabbs tal-futbol professjonali oħra fin-Netherlands, b'mod partikolari MVV f'Maastricht, FC Den Bosch ġo 's-Hertogenbosch, PSV f'Eindhoven u NEC f'Nijmegen. B'ittra tat-2 ta' Settembru 2011 in-Netherlands ipprovdiet lill-Kummissjoni aktar informazzjoni dwar il-miżura rigward Willem II.

(2) B'ittra tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni infurmat lin-Netherlands li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-miżuri favur Willem II, NEC, MVV, PSV u FC Den Bosch.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura (minn hawn 'il quddiem: "Id-deċiżjoni tal-ftuħ") ġiet ippubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni.

(4) In-Netherlands issottomettiet osservazzjonijiet fil-qafas tal-proċedura rigward il-miżura favur Willem II b'ittri tal-31 ta' Mejju 2013 u t-12 ta' Novembru 2013. In-Netherlands wieġbet ukoll għat-talba għal informazzjoni addizzjonali b'ittra tal-11 ta' Frar 2014.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet mill-muniċipalità ta' Tilburg (minn hawn 'il quddiem: "il-muniċipalità") bħala parti interessata rigward il-miżura għal Willem II. Hija għaddiethom lin-Netherlands, li ngħatat l-opportunità li twieġeb lura. Il-kummenti tagħha waslu b'ittra tat-12 ta' Novembru 2013 u ġew ippreżentati f'laqgħa li saret fl-20 ta' Marzu 2014.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ SA.33584 (2013/C) (ex 2011/NN) — l-għajnuna tan-Netherlands lil ċerti klabbs professjonali tal-futbol Olandiżi bejn 2008-11 — Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 116, 23.4.2013, p. 19).

([2]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(6) Wara d-deċiżjoni tal-ftuħ, u fi qbil man-Netherlands, l-investigazzjonijiet għall-klabbs differenti twettqu b'mod separat. L-investigazzjoni rigward il-klabb Willem II ġiet irreġistrata taħt in-numru tal-każ SA.40168.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA

2.1. Il-miżura u l-benefiċjarju tagħha

(7) Il-federazzjoni tal-futbol nazzjonali Koninklijke Nederlandse Voetbal Bond (minn hawn 'il quddiem: il-"KNVB") hija l-organizzazzjoni umbrella għall-kompetizzjoni tal-futbol professjonali u amatorjali. Il-futbol professjonali fin-Netherlands huwa organizzat f'sistema ta' żewġ saffi. Fl-istaġun 2014/2015, din is-sistema kienet tinvolvi 38 klabb, li minnhom 18 kienu fl-ogħla lig (*eredivisie*) u 20 fil-lig inferjuri (*eerste divisie*).

(8) Willem II twaqqaf fl-1898 u ilu klabb tal-futbol professjonali mill-introduzzjoni tal-futbol professjonali fin-Netherlands fl-1954. Willem II jilgħab il-partiti tiegħu fil- *Koning Willem II Stadion* (minn hawn 'il quddiem: "l-istejdjum") f'Tilburg. Fl-2010/2011, Willem II ġie relegat mill-ogħla lig għal-lig inferjuri. Il-klabb ġie promoss għal darb'oħra fl-2012 u relegat għal darb'oħra fl-2013. Imbagħad fl-2014 reġa' ġie promoss għall-ogħla lig. L-istaġun 2005/2006 kien l-aktar staġun riċenti li fih Willem II lagħab f'turnew Ewropew (it-Tazza UEFA).

(9) Il-forma legali attwali ta' Willem II hija *Willem II Tilburg B.V.* L-entità *Willem II Tilburg B.V.* (minn hawn 'il quddiem: "Willem II") hija l-benefiċjarju tal-miżura. Hija proprjetà tal-fondazzjoni *Stichting Beheer Betaald Voetbalorganisatie Willem II Tilburg*. Hemm assoċjazzjoni separata (*Vereniging*) Willem II. Willem II hija intrapriża ta' daqs medju bi 53 impjegat fl-2012. Kellha fatturat annwali ta' EUR 11,4 miljun fis-sena kontabilistika 2008/2009 u fatturat ta' EUR 9,9 miljun fis-sena kontabilistika 2009/2010.

(10) Fl-2004 il-muniċipalità u Willem II ikkonkludew kuntratt, li bih il-muniċipalità saret is-sid sħiħ ([3]) tal-istejdjum u li bih Willem II kiseb lokazzjoni għall-użu tal-istedjum. Il-kuntratt ta' lokazzjoni speċifika li l-muniċipalità kriet l-istejdjum lil Willem II, u li għal dan il-klabb kellu jħallas il-kera annwali ta' EUR 1 001 731, flimkien mal-VAT u spiża varjabbli. Il-kera kienet ibbażata fuq l-ispiża tal-investiment, perjodu ta' deprezzament ta' 30 sena u r-rata ta' interess ta' 5,5 % użata mill-muniċipalità fiż-żmien li fih il-kuntratt ġie konkluż. Il-kundizzjonijiet fil-lokazzjoni ta' 30 sena ġew imfassla biex jiżguraw użu tal-istejdjum li jkollu newtralità baġitarja għall-muniċipalità. Fil-punt 51 tad-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni ddikjarat li l-parametri li dak iż-żmien kien intlaħaq qbil dwarhom kienu jiggarantixxu li Willem II iħallas kera li tkopri l-ispejjeż kollha, u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe għajnuna operatorja lill-klabb tal-futbol. Il-kiri kien fil-limitu tal-kera mħallsa minn oħrajn, għalkemm 'il fuq mill-medja. Fis-snin bejn l-2004 u l-2008 Willem II kien kapaċi jħallas il-kera.

(11) Fl-istaġun tal-futbol 2009/2010, Willem II ħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji, u f'Mejju 2010 ħabbar li kien f'xifer il-falliment. Il-muniċipalità, li aktar kmieni kienet issospendiet il-pagament tal-kera għall-2009, fil-31 ta' Mejju 2010 iddeċidiet li tnaqqas il-kera u spejjeż oħra b'effett retroattiv sal-2004. L-effett ta' din id-deċiżjoni kien tnaqqis b'EUR 0,4 miljun tal-ammont annwali dovut mill-klabb tal-futbol matul perjodu ta' sitt snin, li wassal għal pagament — f'żewġ segmenti — ta' EUR 2,4 miljun lil Willem II, somma li minnha tnaqqset il-kera pendenti għall-2009. Lokazzjoni ġdida, li ħadet post dik tal-2004, ġiet konkluża fil-31 ta' Ottubru 2011.

(12) Id-deċiżjoni tal-muniċipalità tal-31 ta' Mejju 2010 kienet ibbażata fuq il-kundizzjoni li Willem II jissodisfa l-obbligi inklużi fil-pjan ta' ristrutturar li kellu l-għan li jirkupra l-vijabbiltà fuq terminu twil ta' Willem II. Il-kundizzjonijiet ta' dan il-pjan kienu jinkludu obbligi ta' rappurtar finanzjarju trimestrali, baġit ibbilanċjat għall-istaġun tal-futbol li jmiss, it-tisjib ta' mod kif titnaddaf il-karta tal-bilanċ tiegħu, il-ħtieġa li jiġu rispettati l-istandards tal-assoċjazzjoni tal-futbol nazzjonali għas-salarji tal-plejers, u l-introduzzjoni ta' struttura ta' maniġment u ta' sorveljanza ġodda. Il-miżuri li ttieħdu minn Willem II biex jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet sussegwentement tqiesu bħala sodisfaċenti mill-muniċipalità li b'hekk illiberat it-tieni segment tal-EUR 2,4 miljun.

(13) In-Netherlands ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-pjan tagħha skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, li tagħti EUR 2,4 miljun lil Willem II. Il-Kummissjoni lanqas ma ġiet informata bid-deċiżjoni li ttieħdet fl-2009 dwar is-sospensjoni tal-pagament tal-kera annwali għall-istaġun 2009/2010.

([3]) Qabel ma l-kuntratt ġie konkluż, il-muniċipalità kienet is-sid legali tal-istejdjum u l-art li hu mibni fuqha, filwaqt li Willem II kellu s-sjieda ekonomika tal-istejdjum, li fih kien investa bi flusu stess.

2.2. **Effett possibli tal-għajnuna**

(14) In-Netherlands iddubitat mill-impatt tal-għajnuna possibbli fuq is-suq intern għall-klabbs li ma jilagħbux futbol fil-livell Ewropew. Madanakollu, il-klabbs tal-futbol professjonali jitqiesu bħala impriżi u huma soġġetti għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Il-futbol jieħu l-forma ta' impjieg bi qligħ u jipprovdi servizzi għar-remunerazzjoni; huwa żviluppa livell għoli ta' professjonaliżmu u b'hekk żied l-impatt ekonomiku tiegħu ([4]).

(15) Minbarra li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-futbol, li għandhom dimensjoni internazzjonali, il-klabbs tal-futbol professjonali jieħdu sehem f'attivitajiet ekonomiċi f'diversi swieq, bħas-suq tat-trasferimenti għall-plejers professjonali, ir-reklamar, l-isponserizzjazzjoni, il-merchandising jew dak li tkopri l-midja. L-għajnuna lil klabb tal-futbol professjonali sssaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu f'kull wieħed minn dawk is-swieq, li l-biċċa l-kbira tagħhom ikopru diversi Stati Membri. Għaldaqstant, jekk ir-riżorsi tal-Istat jintużaw biex jipprovdu vantaġġ selettiv lil klabb tal-futbol professjonali, irrispettivament mil-lig li jilgħab fih, tali għajnuna aktarx ikollha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([5]).

2.3. **Raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura**

(16) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-muniċipalità ipprovdiet vantaġġ selettiv lil Willem II bl-użu ta' riżorsi tal-Istat u b'hekk ipprovdiet għajnuna lill-klabb tal-futbol. Il-Kummissjoni adottat ukoll il-pożizzjoni li l-miżuri ta' għajnuna lill-klabbs tal-futbol professjonali aktarx ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(17) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni nnutat li fiż-żmien li fih Willem II ngħata l-għajnuna kien qed jesperjenza diffikultajiet finanzjarji. Sabiex tivvaluta l-kompatibilità tal-għajnuna mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tad-ditti f'diffikultà ([6]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Linji Gwida"), il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti kollha stipulati fil-Linji Gwida.

(18) Il-Kummissjoni b'mod partikolari ma kinitx kapaċi tivverifika jekk il-kundizzjonijiet fil-punti 34 sa 37 tal-Linji Gwida dwar in-natura u l-implimentazzjoni ta' pjan ristrutturali ġewx irrispettati. Il-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tivverifika wkoll jekk kinux ittieħdu miżuri ta' kumpens adegwati fis-sens tal-punti 38 sa 42. Barra minn hekk kien hemm bżonn jintwera li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu neċessarju, li l-benefiċjarju nnifsu jkun ħallas kontribut proprju adegwat għar-ristrutturar tiegħu u li l-prinċipju "tal-ewwel u tal-aħħar darba" jiġi rispettat.

3. **KUMMENTI MIN-NETHERLANDS**

(19) In-Netherlands ma qablitx li l-miżura għar-ristrutturar tal-ftehim tal-lokazzjoni tal-istejdjum kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Fil-fehma tan-Netherlands, il-muniċipalità bħala s-sid tal-istejdjum applikat il-kundizzjonijiet tas-suq u aġixxiet f'konformità mal-prinċipji tal-investitur u l-kreditur f'ekonomija tas-suq billi ssospendiet il-kera għall-utent ewlieni tal-istejdjum fl-2009 u billi baxxiet l-kera u kundizzjonijiet kuntrattwali oħra b'effett retroattiv fl-2010. F'każ ta' falliment ta' Willem II, il-klabb kien jitlef il-liċenzja tiegħu li jilgħab futbol professjonali. Il-muniċipalità kienet tibqa' bi stejdjum tal-futbol li jista' jsir utli biss għal attivitajiet oħra bi spiża ta' investiment sostanzjali. In-Netherlands qalet li l-kera aktar baxxa kienet konformi mal-kera mħallsa mkejjen oħra għal stejdjums oħra u li għalhekk kienet konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

([4]) Il-Kawża C-325/08 *Olympique Lyonnais* ECLI:EU:C:2010:143, il-punti 27 u 28; il-Kawża C-519/04 P *Meca-Medina u Majcen* vs *il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2006:492, il-punt 22; il-Kawża C-415/93 *Bosman* ECLI:EU:C:1995:463, il-punt 73.

([5]) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-Ġermanja tal-20 ta' Marzu 2013 dwar il- *Multifunktionsarena der Stadt Erfurt* (Il-Kawża SA.35135 (2012/N)), il-punt 12, u *Multifunktionsarena der Stadt Jena* (Il-Kawża SA.35440 (2012/N)), avviżi fil-qosor f'ĠU C 140, 18.5.2013, p. 1, u tat-2 ta' Ottubru 2013 dwar il- *Fußballstadion Chemnitz* (Il-Kawża SA.36105 (2013/N)), avviż fil-qosor f'ĠU C 50, 21.2.2014, p. 1, il-punti 12-14; id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward Spanja tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-għajnuna possibbli mill-Istat lil erba' klabbs tal-futbol professjonali Spanjoli (Il-Kawża SA.29769 (2013/C)), il-punt 28, Real Madrid CF (Il-Kawża SA.33754 (2013/C)), il-punt 20, u għajnuna allegata favur tliet klabbs tal-futbol ta' Valencia (Il-Kawża SA.36387 (2013/C)), il-punt 16, ippubblikat f'ĠU C 69, 7.3.2014, p. 99.

([6]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2). L-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida ġiet prolungata mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 (ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3).

(20) Min-naħa l-oħra, in-Netherlands argumentat li anke kieku l-miżura kellha tikkostitwixxi għajnuna, din kienet tkun kompatibbli mas-suq intern. Dawn l-argumenti kienu primarjament ibbażati fuq ittra li l-Kummissjoni bagħtet lin-Netherlands fil-11 ta' Lulju 2002 dwar l-infrastruttura tal-isport. F'din l-ittra l-Kummissjoni ddeskriviet ċerti kundizzjonijiet skont liema kienet tqis li l-finanzjament tal-infrastruttura tal-isport ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. It-tieni nett, l-argumenti huma bbażati fuq il-Linji Gwida u l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

(21) Fir-rigward tar-ristrutturar ta' Willem II, in-Netherlands iddeskriviet is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klabb. Fis-sena kontabilistika 2008/2009 ([7]) Willem II għamel telf ta' EUR 3,9 miljun fuq fatturat ta' EUR 11,4 miljun u l-ewkità tiegħu [*eigen vermogen*] naqset minn EUR 4,1 miljun għal EUR 0,2 miljun. Fl-2009/2010 ([8]) Willem II għamel telf ta' EUR 4,4 miljun fuq fatturat ta' EUR 9,9 miljun. Minkejja l-għoti ta' EUR 2,4 miljun mill-muniċipalità, l-ekwità tiegħu naqset aktar minn EUR 0,2 miljun għal nieqes EUR 2,1 miljun.

(22) Kull klabb tal-futbol professjonali Netherlandiż jeħtieġ liċenzja mill-KNVB, li jirċievi biss jekk jikkonforma ma' diversi obbligi. Wieħed mill-obbligi taħt is-sistema jikkonċerna s-saħħa finanzjarja tal-klabb. Kull staġun, klabb huwa obbligat jissottometti rapporti finanzjarji sal-1 ta' Novembru, l-1 ta' Marzu u l-15 ta' Ġunju, li fost l-oħrajn jagħtu stampa tas-sitwazzjoni finanzjarja attwali tiegħu, kif ukoll il-baġit għall-istaġun li jmiss. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-klabbs jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji (1: insuffiċjenti, 2: suffiċjenti, 3: tajjeb). Il-klabbs tal-Kategorija 1 huma obbligati jippreżentaw pjan għat-titjib biex jilħqu l-Kategoriji 2 jew 3. Jekk il-klabb ma jirnexxilux jikkonforma mal-pjan, il-KNVB tista' timponi sanzjonijiet, inkluż twissija uffiċjali, tnaqqis fil-punti ta' kompetizzjoni u — bħala sanzjoni finali — it-tneħħija tal-liċenzja. Klabb tal-futbol professjonali fin-Netherlands li jiddikjara li huwa fallut jitlef il-liċenzja tiegħu. Jekk klabb suċċessur jiġi mwaqqaf, ma jithalliex jidħol direttament fil-ligs tal-futbol professjonali, iżda jkollu jibda mit-tieni l-ogħla lig amatorjali. Bid-diffikultajiet tiegħu, Willem II irriskja li jitlef il-liċenzja tiegħu biex jipparteċipa f'kompetizzjonijiet professjonali. Huwa ġie kklassifikat fil-Kategorija 1 fl-2010.

(23) In-Netherlands issuġġeriet li fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet id-deċiżjoni tal-muniċipalità li tagħti EUR 2,4 miljun lil Willem II kienet subordinata għal għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturar imfassal minn Willem II ([9]). Il-pjan tfassal biex iwassal għal pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha fuq perjodu ta' 3 snin. L-għan tal-pjan kienu ukoll dak li jissodisfa r-rekwiżiti tal-KNVB biex jikseb status ta' Kategorija 2 (suffiċjenti) sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2012/2013. F'Diċembru 2011 il-KNVB kienet diġà tatu l-istatus ta' Kategorija 2.

(24) Il-pjan ta' ristrutturar kien jinvolvi maniġment ġdid, tnaqqis fil-persunal u fil-grupp ta' plejers. Huwa ppreveda li n-numru ta' plejers b'kuntratt jitnaqqas. Jiġu trasferiti diversi plejers, il-kuntratti eżistenti jiġu mtawlin għal paga aktar baxxa, il-kuntratti l-ġodda jiġu konklużi mingħajr pagamenti għal trasferimenti jew jinkrew plejers minn klabbs oħra. L-għan tal-pjan kien li titnaqqas l-ispiża tal-persunal u tal-plejers minn 77 % għal taħt il-55 %.

(25) Fl-2009, meta tfaċċaw id-diffikultajiet finanzjarji ta' Willem II, kien hemm disa' entitajiet privati li qablu li flimkien isellfu EUR 2,25 miljun lill-klabb. Fl-2010, dawn setgħu jiġu konvinti biex jestendu t-tul tas-self, biex ma jsegwux il-pretensjonijiet tagħhom sal-irkupru tal-likwidità suffiċjenti ta' Willem II, u li jaċċettaw li jbaxxu l-imgħax fuq dawn il-pretensjonijiet; sitta minnhom marru lil hinn minn dan u naqqsu 10 % tal-pretensjonijiet tagħhom. L-għan tal-pjan ta' ristrutturar kien li jippermetti lil Willem II jikseb introjtu operatorju moderat fi żmien tliet snin. Il-pjan irriżulta li kien wieħed realistiku. Willem II kellu introjtu ta' madwar EUR 0,3 miljun fl-2010/2011 u fl-2011/2012 u ammonti iżgħar fl-2012/2013; huwa tejjeb il-pożizzjoni ta' ekwità tiegħu għal nieqes EUR 1,4 miljun fit-30 ta' Ġunju 2012, nieqes EUR 1,3 miljun fit-30 ta' Ġunju 2013, u dawwarha f'pożittiv fis-sena kontabilistika 2013/2014.

4. **KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI**

(26) Il-muniċipalità ssottomettiet l-osservazzjonijiet skont il-proċedura li fil-biċċa l-kbira kienu identiċi għall-osservazzjonijiet sottomessi min-Netherlands. Barra minn hekk, il-muniċipalità pprovdiet ukoll informazzjoni speċifika dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Willem II fl-2009 u ssottomettiet studju, li sar f'Novembru 2013 minn Deloitte Financial Advisory Services, rigward l-ispiża tad-diversi opzjonijiet miftuħa għall-muniċipalità fl-2010, sabiex issostni l-fehma tagħha li l-miżuri deċiżi fl-2009 u fl-2010 kienu raġonevoli.

([7]) 30.6.2008 — 1.7.2009.
([8]) 30.6.2009 — 1.7.2010.
([9]) Plan van aanpak Willem II tat-23 ta' Lulju 2010.

5. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

5.1. Preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat

(27) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, għajnuna mill-Istat hija għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tagħti vantaġġ ekonomiku lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi u b'hekk, biex miżura tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet kollha jridu jiġu ssodisfati.

(28) Abbażi tad-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tivvaluta fir-rigward tal-preżenza tal-għajnuna d-deċiżjoni tal-muniċipalità fl-2009 biex tissospendi l-pagament tal-kera għall-użu tal-istejdjum minn Willem II u d-deċiżjoni li l-muniċipalità ħadet f'Mejju 2010 biex, b'effett retroattiv, tbaxxi l-kiri u spejjeż oħra għall-użu tal-istejdjum. Il-Kummissjoni tinnota li ż-żewġ azzjonijiet huma marbuta mill-qrib fir-rigward tal-kronoloġija u tal-għan tagħhom u mas-sitwazzjoni ta' Willem II f'dak iż-żmien u b'hekk għandhom jiġu eżaminati flimkien.

5.1.1. *Finanzjament permezz tar-riżorsi tal-Istat*

(29) Iż-żewġ miżuri ġew deċiżi mill-muniċipalità u għandhom konsegwenzi finanzjarji diretti fuq il-baġit tagħha; b'hekk huma jinvolvu l-użu tar-riżorsi tal-Istat. It-trasferiment tar-riżorsi tal-Istat jista' jieħu ħafna forom, bħal għotjiet diretti, self, garanziji, investiment dirett fil-kapital tal-intrapriżi u benefiċji in natura. Ir-rinunzja ta' dħul li minflok kien jitħallas mill-Istat tikkostitwixxi wkoll trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

5.1.2. *Vantaġġ ekonomiku*

(30) Jeħtieġ li l-miżuri jipprovdu vantaġġ ekonomiku lil Willem II li kieku ma kienx ikollu b'kundizzjonijiet tas-suq normali. In-Netherlands u l-muniċipalità jgħidu li l-muniċipalità ġabet ruħha f'konformita mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u l-prinċipju tal-kreditur f'ekonomija tas-suq u, b'hekk ma taw l-ebda vantaġġ lil Willem II. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-opinjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

(31) Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża tittejjeb b'riżultat tal-intervent tal-Istat, jista' jiġi preżunt li jkun hemm vantaġġ. Sabiex dan jiġi vvalutat, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-intrapriża li ssegwi l-miżura għandha tiġi mqabbla mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha f'każ li l-miżura ma tkunx ġiet introdotta. Minħajr l-intervent, il-klabb kien jibqa' f'diffikultà finanzjarja, bil-periklu li jfalli u jiġi relegat għal lig inferjuri. Mhuwiex ikkuntestat li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Willem II tjiebet sew permezz tal-miżuri li qed jiġu investigati.

(32) Dan ma jikkostitwixxix vantaġġ indebitu jekk il-muniċipalità tista' turi li aġixxiet f'konformità mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u l-prinċipju tal-kreditur f'ekonomija tas-suq. Il-Kummissjoni tinnota li fl-2004 il-muniċipalità kisbet is-sjieda sħiħa tal-istejdjum. Għal dan l-akkwist hija ħallset il-valur ekonomiku tal-istejdjum, li kien ġie stabbilit abbażi ta' għarfien espert estern. Il-lokazzjoni tal-2004 ma' Willem II ġiet konkluża mill-muniċipalità bl-għarfien sħiħ li l-istejdjum ma kienx arena multifunzjonali, iżda stejdjum tal-futbol bil-Willem II bħala utent ristrett b'possibilitajiet limitati biss għall-użu għall-attivitajiet lil hinn mill-futbol. Għaldaqstant il-muniċipalità kienet taf li l-użu tal-istejdjum kien jiddependi fuq il-fatt li Willem II ikun jista' jkompli jħallas il-kera u l-ispejjeż l-oħra speċifikati fil-kuntratt. Investitur tal-ekonomija tas-suq jew ma kienx jieħu dan ir-riskju fuqu għalkollox, jew kien jieħdu biss għal marġni tal-profitt u assigurazzjoni korrispondenti kontra kull possibbiltà ta' insolvenza mill-utent ristrett.

(33) Meta l-muniċipalità fl-2010 infurmat lill-kunsill muniċipali li Willem II kien f'xifer il-falliment, sabet ukoll li l-użu tal-istejdjum mill-2004 kien biss newtrali għall-baġit tagħha. Jekk madanakollu l-lokazzjoni tal-2004 ma ġġeneratx qligħ raġonevoli, fl-2010 l-emenda b'effett retroattiv tal-kundizzjonijiet ta' lokazzjoni saret bl-għarfien li tagħmel l-użu mill-2004 wieħed li jwassal għat-telf. Dan jeskludi li d-deċiżjoni tal-2010 li titnaqqas il-kera tissodisfa l-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. L-ebda attur kummerċjali ma jaqbel mal-modifika retroattiva ta' kera li ma għandha l-ebda perspettiva biex tiżgura r-redditu fuq l-investiment.

(34) In-Netherlands u l-muniċipalità, madanakollu, jgħidu wkoll li d-deċiżjoni tal-muniċipalità li taffiet il-piż tad-dejn fuq il-klabb, kienet konformi mal-prinċipju tal-kreditur f'ekonomija tas-suq. F'dan il-kuntest, huma jirreferu għall-fatt li diversi krediturі kbar irrinunzjaw parti mill-pretensjonijiet tagħhom fir-rigward ta' Willem II. Huma jirreferu wkoll għall-parti fid-deċiżjoni tal-ftuħ li fiha l-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri tal-muniċipalità ta' Arnhem favur il-klabb tal-futbol ta' Vitesse ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(35) F'dan ir-rigward il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li d-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-2009 li jiġi sospiż il-ħlas tal-kera u fl-2010 li titnaqqas, b'effett retroattiv, il-kera u obbligazzjonijiet ta' ħlas oħrajn għall-użu tal-istejdjum ma kinux ittieħdu fl-istess ħin li ttieħdu miżuri korrispondenti minn krediturі oħrajn. Barra minn hekk, fl-2010 il-muniċipalità kkonċediet ammont ta' EUR 2,4 miljun lil Willem II, aktar mid-doppju tal-pretensjoni tagħha għal kera ta' sena lil Willem II. Il-muniċipalità ħtieġet lil Willem II jinnegozja ma' krediturі oħrajn biex inaddaf il-karta tal-bilanċ tiegħu, iżda mingħajr ma stabbiliet kundizzjonijiet għal dawk in-negozjati li kienu jaqblu mal-kundizzjonijiet tal-intervent tagħha. L-argument li klabb tal-futbol professjonali fallut jitlef il-liċenzja tiegħu u li l-muniċipalità tibqa' bi stejdjum tal-futbol li jsir utli biss għal attivitajiet oħra bi spiża ta' investiment sostanzjali lanqas mhu konvinċenti. F'każ ta' falliment, seta' twaqqaf klabb suċċessur bħala utent tal-istejdjum. Ċertament, ma jiġix ammess fil-ligs tal-futbol profesjonali direttament, iżda jkollu jibda mit-tieni l-ogħla lig amatorjali. Madanakollu dan ikollu l-perspettiva li juża l-istejdjum u li fil-futur previst jirritorna għal-lig professjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għal dħul tal-lokazzjoni tal-istejdjum.

(36) In-Netherlands irreferiet ukoll għall-ittra tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2002 li fiha ddeskriviet ċerti kundizzjonijiet skont liema tqis li l-finanzjament tal-infrastruttura tal-isport ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu l-karattru multifunzjonali tal-arena, l-aċċess mhux diskriminatorju għaliha u l-adegwatezza tat-tariffi tal-utent.

(37) Madanakollu, f'dan il-każ l-osservazzjonijiet ma jistgħux iwasslu għall-konklużjoni li Willem II ma kisibx vantaġġ mhux dovut. Diġà jista' jiġi kkontestat jekk l-argumenti mniżżlin fl-ittra tal-11 ta' Lulju 2002 għadhomx rilevanti, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li qieset l-investiment pubbliku fl-infrastruttura li jsir disponibbli għall-użu pubbliku bħala għajnuna mill-Istat ([10]). F'dan il-każ, huwa madanakollu deċisiv li l-muniċipalità u Willem II fl-2004 ikkonkludew kuntratt li fih qablu dwar kera annwali ta' EUR 1 001 731. Jekk il-pagament ta' din il-kera li ntlaħaq qbil dwarha l-ewwel jiġi sospiż fil-ftehim mal-muniċipalità u l-ammont tal-kera minn hawn 'il quddiem jitbaxxa b'mod retroattiv, il-muniċipalità tagħti vantaġġ finanzjarju lil Willem II li normalment ma jkollux u li fi kwalunkwe każ operatur privat normalment ma kienx jagħti.

(38) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni mhijiex konvinta li l-muniċipalità ġabet ruħha ta' operatur tal-ekonomija tas-suq, kemm jekk bħala investitur u kemm bħala kreditur jew it-tnejn li huma. B'hekk tikkonkludi li pprovdiet appoġġ finanzjarju biex tevita l-falliment ta' Willem II, li attur tas-suq privat ma kienx jipprovdi u li b'hekk jikkostitwixxi vantaġġ.

5.1.3. *Effett fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni*

(39) In-Netherlands iddubitat mill-impatt tal-għajnuna possibbli fuq is-suq intern għall-klabbs li ma jilagħbux futbol fil-livell Ewropew. F'dan ir-rigward, kif indikat fil-premessa 14, il-Kummissjoni tfakkar li l-klabbs tal-futbol professjonali huma meqjusa bħala intrapriżi u huma soġġetti għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Il-futbol jieħu l-forma ta' impjieg bi qligħ u jipprovdi servizzi għar-remunerazzjoni; huwa żviluppa livell għoli ta' professjonaliżmu u b'hekk żied l-impatt ekonomiku tiegħu.

(40) Barra minn hekk, Willem II huwa parteċipant potenzjali fit-tornej tal-futbol Ewropej u fil-passat fil-fatt ipparteċipa f'turnew Ewropew. Bħala klabb tal-futbol professjonali huwa jieħu sehem f'attivitajiet ekonomiċi f'diversi swieq barra milli jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol li għandhom dimensjoni internazzjonali, bħas-suq tat-trasferimenti għall-plejers professjonali, ir-reklamar, l-isponserizzazzjoni, il-merchandising, u l-midja. L-għajnuna lil klabb tal-futbol professjonali issaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu f'kull wieħed minn dawk is-swieq, li l-biċċa l-kbira tagħhom ikopru diversi Stati Membri. Għaldaqstant, kif stipulat fil-premessa 15, jekk ir-riżorsi tal-Istat jintużaw biex jipprovdu vantaġġ selettiv lil klabb tal-futbol professjonali, irrispettivament mil-lig li jilgħab fih, tali għajnuna aktarx ikollha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

([10]) Pereżempju s-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża C-288/11 *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH* vs *Il-Kummissjoni* ECLI:EU:C:2012:821.

5.2. **Valutazzjoni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat**

(41) Il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżura ta' għajnuna favur Willem II tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern. L-ebda waħda mid-derogi msemmija fl-Artikolu 107(2) tat-Trattat ma tapplika għall-miżura ta' għajnuna inkwistjoni. Fir-rigward tad-derogi previsti fl-Artikolu 107(3) tat-Trattat, il-Kummissjoni tinnota li l-ebda wieħed mir-reġjuni tan-Netherlands ma jaqa' taħt id-deroga fl-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat. Il-miżura ta' għajnuna inkwisjoni la tippromwovi proġett importanti ta' interess Ewropew komuni, u lanqas ma sservi ta' rimedju għal disturb serju fl-ekonomija tan-Netherlands fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat. Barra minn hekk, ma jistax jingħad li l-miżura ta' għajnuna tippromwovi l-konservazzjoni tal-kultura jew il-patrimonju fis-sens tal-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat.

5.2.1. *Linji Gwida applikabbli*

(42) Fir-rigward tad-deroga fl-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat favur l-għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, tali għajnuna tista' tkun kompatibbli fejn ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet kummerċjali sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

(43) Għall-valutazzjoni tagħha ta' miżuri ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni ħarġet għadd ta' Regolamenti, Oqfsa, Linji Gwida u Komunikazzjonijiet dwar il-forom ta' għajnuna u għanijiet orizzonali jew settorjali li għalihom tingħata l-għajnuna. Minħabba li Willem II fiż-żmien li ttieħdu l-miżuri kien qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet finanzjarji u li l-għajnuna ngħatat mill-muniċipalità biex tindirizza dawk id-diffikultajiet, huwa xieraq li jiġi vvalutat jekk il-kriterji stipulati fil-Linji Gwida ([11]) japplikawx u humiex issodisfati.

(44) F'Lulju 2014, il-Kummissjoni ppubblikat Linji Gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([12]). Madanakollu, dawn mhumiex applikabbli għal din l-għajnuna mhux notifikata mogħtija fl-2009 u l-2010. Skont il-punt 137 tal-linji l-gwida l-ġodda, dan ikun biss il-każ għal kull għajnuna ta' salvataġġ jew ristrutturar mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel jekk parti mill-għajnuna jew l-għajnuna kollha tingħata wara l-pubblikazzjoni ta' dawk il-linji gwida f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont il-punt 138 tal-linji l-gwida l-ġodda, fil-każijiet kollha l-oħra l-Kummissjoni se twettaq l-eżami abbażi tal-linji gwida li kienu japplikaw dak iż-żmien li ngħatat l-għajnuna, u b'hekk, f'dan il-każ, dawk applikabbli qabel l-2014.

5.2.2. *Willem II bħala kumpanija f'diffikultà*

(45) Skont il-punt 10(a) tal-Linji Gwida, kumpanija b'responsabbiltà limitata trid titqies f'diffikultà jekk aktar minn nofs il-kapital irreġistrat tagħha jkun għeb u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar preċedenti. Fis-sena kontabilistika 2008/2009 ([13]) Willem II għamel telf ta' EUR 3,9 miljun fuq fatturat ta' EUR 11,4 miljun u l-ewkità proprja tiegħu [*eigen vermogen*] naqset minn EUR 4,1 miljun għal EUR 0,2 miljun. Fl-2009/2010 ([14]) Willem II għamel telf ta' EUR 4,4 miljun fuq fatturat ta' EUR 9,9 miljun. Minkejja l-għoti ta' EUR 2,4 miljun mill-muniċipalità, l-ekwità tiegħu naqset aktar minn EUR 0,2 miljun għal nieqes EUR 2,1 miljun. B'hekk Willem II kien ċertament kumpanija f'diffikultà. Dan il-fatt mhuwiex ikkontestat min-Netherlands. Għaldaqstant, il-kompatibilità tal-għajnuna mill-Istat lil Willem II se tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida.

5.2.3. *Irkupru tal-vijabbiltà fuq terminu twil*

(46) Fit-Taqsima 3.2, il-Linji Gwida jitolbu li l-għotja tal-għajnuna trid tkun kondizzjonali rigward l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar (ara l-punti 34 sa 37 tal-Linji Gwida), li jridu jirkupraw il-vijabbiltà fuq terminu twil tad-ditta f'perjodu ta' żmien raġonevoli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li d-deċiżjoni tal-muniċipalità li tagħti EUR 2,4 miljun lil Willem II ġiet subordinata għal għadd ta' kundizzjonijiet, kif imsemmi fil-premessa 12. Dawn il-kundizzjonijiet kienu l-qofol tal-pjan ta' ristrutturar imfassal minn Willem II ([15]).

([11]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 6.
([12]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).
([13]) 30.6.2008 — 1.7.2009.
([14]) 30.6.2009 — 1.7.2010.
([15]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9.

(47) Il-pjan ġie mfassal biex iwassal għal pożizzjoni finanzjarja sana fuq perjodu ta' tliet (3) snin, kif ukoll jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-KNVB biex tkompli tilliċenzja lil Willem II għall-kompetizzjonijiet professjonali u biex dan jikseb status ta' Kategorija 2 sa tmiem is-sena finanzjarja tiegħu 2012/2013.

(48) Il-pjan ta' ristrutturar kien jinvolvi maniġment ġdid, tnaqqis sostanzjali fil-persunal u fil-grupp tal-plejers. Diversi plejers ġew trasferiti, il-kuntratti eżistenti ġew prolungati għal paga aktar baxxa, il-kuntratti l-ġodda ġew konklużi mingħajr pagamenti għal trasferimenti. Dan kien jinvolvi tnaqqis fl-ispiża tal-persunal u tal-plejers ta' 30 % matul is-sentejn wara l-adozzjoni tal-pjan. Barra mill-EUR 2,4 miljun mill-muniċipalità, Willem II seta' jiżgura l-kontribuzzjoni kontinwa ta' EUR 2,25 miljun mis-settur privat.

(49) Il-Kummissjoni sabet li l-pjan ta' ristrutturar jittratta l-kawżi tad-diffikultajiet finanzjarji ta' Willem II, speċjalment l-ispiża tal-plejers fil-forma ta' pagi u pagamenti għal trasferimenti. Willem II jipprevedi li jiffranka fl-attività ewlenija tiegħu. Il-pjan ta' ristrutturar ma jiddependix fuq fatturi esterni li Willem II jista' jsegwi iżda ma jkollox kompletament taħt il-kontroll tiegħu, bħat-tisjib ta' sponsors ġodda u ż-żieda fin-numru ta' spettaturi. Għalkemm il-pożizzjoni finanzjarja u speċjalment l-ekwità proprja negattiva ta' Willem II jibqgħu raġuni għat-tħassib, it-tkomplija tat-titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-klabb hija wkoll prevista, flimkien mal-operazzjoni kontinwa tiegħu bħala klabb tal-futbol professjonali. L-iżvilupp juri li l-pjan kien fil-fatt wieħed realistiku. Il-KNVB kienet diġà tat l-istatus ta' Kategorija 2 f'Diċembru 2011. Willem II kien kapaċi jikseb introjtu operatorju ta' EUR 0,3 miljun fl-2010/2011 u għal darb'oħra fl-2011/2012, u b'hekk tejjeb il-pożizzjoni ta' ekwità tiegħu għal nieqes EUR 1,4 miljun fit-30 ta' Ġunju 2012.

5.2.4. *Miżuri ta' kumpens*

(50) Il-Punti 38 sa -42 tal-Linji Gwida jeħtieġu li jittieħdu miżuri ta' kumpens mill-benefiċjarju sabiex iċekknu l-effett tat-tfixkil tal-għajnuna u l-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet kummerċjali. Fil-punt 80 tad-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni nnutat in-natura partikolari tal-futbol professjonali f'dan ir-rigward u ssuġġeriet għadd ta' miżuri li għall-futbol professjonali jistgħu jiġu interpretati bħala miżuri ta' kumpens fis-sens tal-Linji Gwida, bħal-limitazzjoni tal-plejers irreġistrati fil-limiti permessi mill-azzjoċjazzjoni nazzjonali, l-aċċettazzjoni ta' limitu fuq il-pagi aktar baxx mill-istandards tas-soltu fis-settur, projbizzjoni fuq il-pagament tal-ispejjeż tat-trasferimenti għal plejers ġodda għal ċertu perjodu, jew iż-żieda fl-attivitajiet għall-benefiċċju tas-soċjetà. Billi jaċċetta l-limitu fuq l-għadd ta' plejers jew il-pagi tagħhom klabb jaċċetta wkoll żvantaġġ kompetittiv meta mqabbel ma' klabbs oħra mingħajr dawn il-limiti. Projbizzjoni fuq il-ħlas għat-trasferimenti tillimita l-għażla għal plejers kompetittivi ġodda.

(51) Il-Kummissjoni tinnota li Willem II, skont il-pjan, fil-fatt, naqqas l-għadd ta' impjegati u plejers. L-għadd ta' impjegati niżel minn 79 fl-istaġun 2009/2010, għal 61 fl-istaġun 2010/2011 u għal 53 fl-istaġun 2011/2012. In-numru ta' plejers irreġistrati naqas minn 31 għal 27. L-ispiża tal-pagi ([16]) inġiebet għal-livell ta' 48 % tal-fatturat, li huwa ħafna aktar baxx mil-livell tal-istandard tal-UEFA ta' 70 % għall-plejers biss. Matul il-perjodu ta' ristrutturar ma jsiru l-ebda pagamenti għal trasferimenti għal plejers ġodda. Dawk il-miżuri dgħajfu lit-tim tal-klabb u, b'hekk ikkontribwew għar-relegazzjoni ta' Willem II għat-tieni lig fi tmiem l-istaġun 2010/2011 u għal darb'oħra fl-2012/2013. Il-Kummissjoni tinnota wkoll aktar infiq tal-klabb għall-benefiċċju tal-pubbliku fit-taħriġ ta' plejers amatorjali. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ta' kumpens meħtieġa mill-Linji Gwida kienu ttieħdu, u dawn kellhom l-effett li jdgħajfu l-pożizzjoni kompetittiva ta' Willem II fil-futbol professjonali.

5.2.5. *Għajnuna limitata għall-inqas livell*

(52) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-pjan ta' ristrutturar sa ċertu punt huwa ffinanzjat minn entitajiet privati esterni barra mit-tfaddil intern li jkun sar. Fl-2009, meta tfaċċaw id-diffikultajiet finanzjarji ta' Willem II, kien hemm disa' entitajiet privati li qablu li flimkien isellfu EUR 2,25 miljun lill-klabb. Fl-2010, ġew konvinti jkomplu jħallu dawn l-ammonti mal-klabb u jaqblu li ma jkomplux dawn il-pretensjonijiet sa ma Willem II ikunx jista' jħallashom lura. Huma aċċettaw ukoll rata ta' interess aktar baxxa ta' 3 %. Sitta minnhom ġew konvinti biex iwaqqgħu 10 % tal-pretensjonijiet tagħhom għalkollox. Dan jissodisfa r-rekwiżit tal-punt 44 tal-Linji Gwida li għal intrapriża ta' daqs medju bħal Willem II tal-anqas 40 % tal-ispiża tar-ristrutturar għandha titħallas mill-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, inkluż il-finanzjament estern li juri twemmin fil-vijabbiltà tal-benefiċjarju.

([16]) Il-kontijiet ta' Willem II ma jiddistingwux bejn il-pagi tal-plejers u ta' impjegati oħra.

(53) L-ammont tal-għajnuna kien meħtieġ. Skont il-pjan ta' ristrutturar dan kellu jwassal għal riżultat pożittiv moderat fl-istaġuni 2010/2011 u 2011/2012 u jtejjeb l-ekwità bil-mod. Dan ma kienx jippermetti lil Willem II jixtri plejers ġodda jew jattirahom b'salarji ogħla.

5.2.6. *Monitoraġġ u rapport annwali*

(54) Il-Punt 49 tal-Linji Gwida jitlob lill-Istat Membru jikkomunika dwar l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' ristrutturar permezz ta' rapporti dettaljati regolari. Il-Punt 51 jistabbilixxi kundizzjonijiet anqas stretti għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fejn it-trażmissjoni ta' kopji annwali tal-iskeda tal-bilanċ u r-rapport tal-introjtu normalment jitqiesu suffiċjenti. In-Netherlands impenjat ruħha li tissottometti dawn ir-rapporti.

5.2.7. *Tal-ewwel u tal-aħħar darba*

(55) Konformi mal-punti 72 sa 77 tal-Linji Gwida, in-Netherlands speċifikat li Willem II ma rċeviex għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar fl-għaxar snin qabel l-għotja ta' din l-għajnuna. Barra minn hekk, impenjat ruħha li ma tagħtix għajnuna ta' salvataġġ jew ristrutturar lil Willem II matul perjodu ta' għaxar snin.

6. **KONKLUŻJONI**

(56) Il-Kummissjoni sabet li n-Netherlands implimentat illegalment l-għajnuna lil Willem II bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madanakollu, l-għajnuna mill-Istat ta' EUR 2,4 miljun, li ngħatat lil Willem II fl-2009 u l-2010, tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għajnuna ta' ristrutturar fil-Linji Gwida u tista' titqies kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat li n-Netherlands implimentat favur il-klabb tal-futbol Willem II f'Tilburg, u li tammonta għal EUR 2,4 miljun, hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni